# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 55

Data tal-laqgħa: 26 ta' Lulju, 2018

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 26 ta' Lulju 2018 fis-6.00p.m.*

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Mark Azzopardi |
| Assenti b'Apoloġiji | Carl Grech |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat (Skużata) |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.10p.m. billi ntqalet it-talba.

**55/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**55/01/01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Carl Grech talab li jiġi skużat. Is-Sur Aquilina ippropona li l-Kunsill jilqa' din l-apoloġija. Il-Kunsill qabel unanimament.

**55/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 54**

**55/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**55/02/02** **Para 54/02/02:** Fuq id-diversi toqob li jridu jsiru mill-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogħlijiet, dawn ħa jsiru l-ġimgħa d-dieħla.

**55/02/03** **Para 54/02/08:** Is-Sindku qal li l-minuti tal-laqgħa mal-Ministru Dr Herrera waslu u li pjan hu li l-inċeneratur isir fil-Magħtab. Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera fuq jekk għandhiex tinħareġ stqarrija jew le, il-Kunsill qabel li tinħareġ stqarrija li tgħid:

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

Waqt laqgħa li kellna mal-Ministru għal Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima l-Onor. Dr. José Herrera u esperti tekniċi f'dan il-qasam, aħna ġejna infurmati li l-intenzjoni hi li l-inċeneratur isir fiż-żona tal-Magħtab fin-Naxxar. Fil-prinċipju aħna ma naqblux li l-inċeneratur isir hawnhekk ghax nemmnu li jista' jaffetwa ħazin il-kwalità tal-arja fil-Lokalità tagħna. Min-naħa tagħna ħa nkomplu nsegwu, u kif il-proġett jasal għal fażi ta' konsultazzjoni se nsemmgħu l-opinjoni tagħna. Waqt il-proċess ta' applikazzjoni għal permess meħtieġ, il-Kunsill se jaħtar rappreżentant fuq il-bord ħalli jekk ikun hemm bżonn noġġezzjonaw.

**55/02/04** **Para 54/02/09:** Is-Sindku qal li għadna qed nistennew risposta mingħand l-Onor. Dr Clifton Grima fuq l-art ta' Xwieki.

**55/02/05** **Para 54/02/10:** Is-Sur Aquilina spjega li s-sistema tal-*bus bays* fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu għadha ma bdietx taħdem kif suppost. Is-Sur Mario Gauci qal li mal-art hemm miktub BUS STOP u mhux BUS BAY. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur ta' tabelli u s-sinjali kien qalilha li mal-art dejjem BUS STOP jiktbu. Is-Sur Christopher Fenech qabel li niktbu BUS BAY mal-art u li ssir tabella fuq pole. Il-Kunsill qabel li jsiru.

**55/02/06** **Para 54/02/11:** Is-Sindku qal li fuq il-permess tal-Ġnien ta' Top of the World qed insegwu mal-Perit Chris Grech sabiex ilesti il-BOQ, *specs,* pjanti u *provisions.*

**55/02/07** **Para 54/02/12:** Is-Sur Aquilina qal li għadna qed nistennew risposta mingħand Transport Malta fuq it-talba sabiex il-*Bus Stop* ta' Triq Stiefnu Zerafa jersaq lejn il-kamra tal-ħaddiema peress li triq hija iktar wiesa'. Is-Sur Mario Gauci spjega li dan il- *Bus Stop* mexa b'mod temporanju u ladarba fejn qiegħed qed joħloq problema għandu jerġa' jmur lura f'postu ladarba x-xogħol issa tlesta jew jitressaq għal post ieħor. Jekk ikun hemm bżonn isir bank kif diġà approva l-Kunsill ħalli min ikun jistenna l-karrozza tal-linja ma joqgħodx bilqeda fuq il-front garden. Is-Sur Mark Azzopardi qabel ma dan u qal li rridu noqgħodu attenti li ma noħolqux preċedent. Is-Sur Christopher Fenech propona li ssir laqgħa mas-Sur Michael Cohen fejn nispjegaw il-problemi tar-residenti u r-raġuni għalfejn dan l- *Bus Stop* resaq sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

**55/02/08** **Para 53/02/14:** Is-Sindku qal li l-kors tal-Ewwel Għajnuna beda.

**55/02/09** **Para 54/02/15:** Is-Sur Aquilina spjega li l-*webcam* għadha ma ġietx installata.

**55/02/10** **Para 54/03/03:** Fuq l-attività kommemorattiva sabiex jiġi mfakkar is-Superjur tal-M.U.S.E.U.M. is-Sur Guido Tanti u biex issir ir-rħama ġewwa l-M.U.S.E.U.M, is-Sindku qal li s-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M għadhom ma tawniex appuntament.

**55/02/11** **Para 54/05/10:** Is-Sindku spjega li l-bins ġodda għal Triq Għaxqet l-Għajn ġew ordnati u fakkar li l-MTA offriet €4,000.

**55/02/12** **Para 54/05/26:** Is-Sindku qal li x-xogħol ta' tiswija fuq 5 biċċiet ħitan tas-sejjieħ saru mis-Sur Frans Zammit.

**55/02/13** **Para 54/05/27:** Is-Sur Aquilina spjega li sal-lum għadna ma smajna xejn fuq l-appell u x'ser jiġri mis-servizz tal-iskart riċiklat li jaqa' taħt l-iskema Green MT. Qal ukoll li issa l-kwota qed tintlaħaq.

**55/02/14** **Para 54/05/43:** Is-Sindku qal li l-bozza ġdida fuq pole fi Triq tal-Ferħa saret u li issa kemm titqabbad mill-ENEMALTA.

**55/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**55/03/01** Is-Sindku qal li s-serata ta' Jum il-Għargħur, il-*Water Games* għat-tfal u l-*buffet breakfast* għal anzjani saru u kienu suċċess. Is-Sindku irringrazzja lil Mc Donald's, Għargħur FC u lill-Mini Club.

**55/03/02** Is-Sur Aquilina qal li ġejna nfurmati li ħa ssir riforma fit-Triq tal-Balal. Ħa jkun hemm żewġ *lanes* lejn San Ġwann biex itaffu l-problema ta' traffiku ta' filghodu. Bażikament ser jesproprjaw biċċiet ta' art biex it-triq tiġi b'tlett' *lanes*. Il-Kunsill iħoss li dan huwa proġett tajjeb. Is-Sindku diġà tkellem mal-Perit J. Galea biex ma jkunx hemm għeluq ta' toroq bejn l-24 u 26 ta' Awwissu minħabba l-festa. Is-Sindku qal li l-Kunsill ħa jitlob li jsir bus shelter fl-istess triq.

**55/03/03** Is-Sindku spjega li l-proġett ta' *traffic lights* għadu għaddej. Peress li l-aħħar bozza qeda ħdejn il-Palazz tal-Kmand, ressaq proposta biex isiru żewġ bozoz oħra fl-istess triq dan għaliex ikraħ biex tieqaf fid-dlam. Kien hemm qbil unanimu li jsiru.

**55/03/04** Is-Sindku saqsa lill-Kunsillieri x'jaħsbu fuq il-fanal LED. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li nsaqsu lill-fornitur jistax il-fanal jiġi bil-ħġieġ mal-ġnub.

**55/03/05** Is-Sur Aquilina fakkar li l-Ministru Dr Herrera kien qal li għal ħabta ta' Settembru ħa jibda jinġabar l-iskart organiku iżda sa issa ma smajna xejn.

**55/03/06** Is-Sindku qal li fis-16 ta' Lulju saret laqgħa ma' ufficjal mill-MTA u li għaliha attenda wkoll is-Sur Christopher Fenech. Il-Kunsill talab lil MTA sabiex tgħinna finanzjarjament biex isir il-pavimentar bħala parti mill-proġett ta' triq u l-ġnien fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-MTA indikat li lesta li tgħin u apprezzat il-fatt li l-Kunsill diġà għandu l-permessi kollha meħtieġa. Ser inkomplu insegwu.

**55/03/07** Is-Sindku qal li l-bibita fl-okkażjoni tal-festa ta' San Bartilmew ħa ssir nhar il-Ħamis, 23 ta' Awwissu fit-8:00pm ġewwa s-Sala tal-Komunità.

**55/03/08** Is-Sindku spjega li jinsab disgustat bl-aġir irresponsabbli ta' ċertu żgħażagħ li jiffrekwentaw Ġnien il-Paċi u li qed jagħmlu l-ħsara. Is-Sindku preżenta *file* sħiħ bir-ritratti tal-vandaliżmu li sar matul dawn l-aħħar ġimgħat. Is-Sindku propona li ssir CCTV camera HD f'kull livell u li min jinqabad jitressaq. Kien hemm qbil unanimu li jsiru.

**55/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**55/04/01** Ma kienx hemm.

07:20pm is-Sur Mark Azzopardi talab li jiġi skużat.

**55/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**55/05/01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority.*

**55/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mit-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fuq PA/05745/17 [Re-arrangement of approved landscaping at back of terrace house in line with current policies and previous permits; including removal of indicated paved areas and passages; paving of access pathway with grasscrete paving and sanctioning of indicated pathways, swimming pool relocation and configuration and re-location of swimming pool facilities] 3, Triq Santa Marija Taż-Żellieqa, Għargħur.

**55/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Brian Borg – Notifika ta' Avviż skond l-Art. 97 ta' l-Att VII tal-2016 dwar l-ippjanar tal-iżvilupp. L-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet Avviż ta' Infurzar peress li kien hemm ksur tal-kontroll tal-ippjanar fi l-Għalqa Ta' Gianni, Triq l-Għaxqet il-Għajn.

**55/05/04** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Marie-Jeanne Borg – DĠ Komunikat 01/2018 – Termini u Kundizzjonijiet ġodda tal-Fond ta' Ko-Finanzjament.

**55/05/05** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Maria Vella – Notification of Receipt of Fresh Plans – PA/03747/18.

**55/05/06** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Silvio Scerri – Re: Request for Road Mirror in Triq San Ġwann, Għargħur.

**55/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority.*

**55/05/08** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority.*

**55/05/09** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Gilbert Amato Gauci – Insurance Renewal 2018/19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**55/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Ahmed Amer mill-Malta Textile Recycling.

**55/05/11** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority.*

Fuq PA/04246/18 [To sanction driveway and pathways constructed prior 1978, swimming pool constructed prior 1983, construction of stores and landscaping as existing] Elizabeth Lochead, St. Paul's Garden, Triq is-Sebħ c/w, Triq Santa Katerina, Għargħur. Il-Kunsill qabel li noġġezzjonaw peress li ODZ.

Fuq PA/05703/18 [Amendments to plans of farmhouse as approved in PA/02957/16 consisting in slight shifting and/or addition of certain walls, provision of ventilation shaft in basement, closing of existing garage door and opening up new door in adjacent wall,

addition of shade canopies and installation of PV panels on roof] David Aquilina, St Catherine's Farmhouse, Triq Santa Katerina, Għargħur. Il-Kunsill qabel li noġġezzjonaw peress li ODZ.

**55/05/12** Il-Kunsill qabel li jiffirma kuntratt ma' Malta Textile Recycling wara laqgħa li saret aktar kmieni llum ma' Sur Ahmed Amer. Għaldaqstant, Malta Textile Recycling ħa tibda tiġbor ħwejjeġ għar-riċiklaġġ darba fix-xahar direttament mid-djar tar-residenti.

**55/05/13** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Mario Fava Ċir Akl 2018/072 – Dokument - l-effett negattiv tal-bżieżaq li jittajru. Kien hemm qbil li niddikjaraw l-interess tagħna biex jiġi eliminat l-użu tal-bżieżaq li jittajru waqt attivitajiet imtella' fil-lokal.

**55/05/14** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority.*

**55/05/15** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Fiona Schembri biex issir attività bejn Skola Sajf u l-Kunsill għat-tfal tal-5 u 6 sena. Kien hemm qbil unanimu li nistiednu lil dawn it-tfal fis-Sala tal-Komunità u ssir preżentazzjoni fuq is-siti storiċi li nsibu fil-Għargħur. Din l-attività ħa jorganizza s-Sur Mark Azzopardi.

**55/05/16** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Avv. Massimo Vella, talba għal żewġ tabelli biex ma jipparkjawx viċin tar-residenza 2 fi Triq Katerina Sammut. Dan sabiex terzi ma jipparkjawx fil-parti esproprjata u b'hekk ma jimblokkawx it-*turning circle* li jagħti aċċess bil-vettura għall-proprjetà tar-residenta. Kien hemm qbil li nsaqsu lil Avv. Massimo Vella lil min kienet ħalset is-somma sabiex issir l-esproprjazzjoni tal-isqaq.

**55/05/17** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Marie-Jeanne Borg – Ċirkulari Numru SPI 7/2018/I – Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (il-GDPR) vis-à-vis id-dettalji ta' ċittadini fil-minuti tal-laqgħat.

**55/05/18** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Marianne Attard – Acknowledgment of Receipt of Representation (Application Number: PA/06159/18).

**55/05/19** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Marie-Jeanne Borg – Ċirkulari Numru SPI 10/2018 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi 2018. Il-Kunsill ma jistax japplika peress li din is-sena diġà bbenefikajna minn l-iskema ta' restawr.

**55/05/20** Ġiet innutata Skema Finanzjarja favur il-Komunità – Libreriji Lokali / Reġjonali. Din l-iskema tiffinanzja 50% tal-ispiża sa massimu ta' €600 (inkluża l-VAT) u tkopri xogħlijiet xiri ta' apparat; xogħlijiet ta' manutenzjoni; xiri ta' għamara u servizzi oħra. Il-Kunsill qabel unanimament li jsaqsi lil librara x'għandhom bżonn u japplika għal fondi permezz ta' din l-iskema.

**55/05/21** Fuq it-talba għal *sleeping police* fi Triq Mons L Catania qrib Sqaq Nru 3. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**55/05/22** Fuq it-talba għal *parking bays* fil-bidu ta' Triq Mons L Catania bejn il-Bus Shelter u Happy Tree. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li bil-*parking bays* jonqos il-*parking.*

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**55/05/23** Fuq it-talba għal *sleeping police* fi Triq Għaxqet l-Għajn in-naħa tas-Searchlight battery. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li diġà hemm waħda fl-istess triq.

**55/05/24** Fuq it-talba għal tabella ta' qanfud fi Triq in-Naxxar. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**55/05/25** Fuq is-suġġeriment sabiex fi Triq San Ġwann isiru linji bojod fin-nofs tat-triq. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li kif inhi din it-triq ma jistax isir.

**55/05/26** Fuq it-talba sabiex nagħmlu *double yellow line* fi Triq Caravaggio fejn il-binja l-ġdida tal-GAP għax il-makkinarju ma jkunx jista' jidħol fir-residenza biex jinqdew. Il-Kunsill ma laqax din it-talba, min ikollu bżonn iġib makkinarju jrid jiġi l-Kunsill jagħmel permess u jitlobna sinjali ta' No Parking.

**55/05/27** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech biex jinbidlu 2 tabelli [*roundabout approaching* u *giveaway*] fi Triq il-Kbira u tabella [35KM] fi Triq Caravaggio. Kien hemm qbil unanimu.

**55/05/28** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech biex isir saqaf ġdid għal gazebo li tinsab fi Ġnien il-Paċi. Il-Kunsill qabel li niġbru 3 stimi.

**55/05/29** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech biex jinbidlu l-bankijiet ta' Top of the world. Is-Sur Fenech ħa jara jekk hemmx xi bankijiet is-Searchlight battery biex filkas nużaw lilhom. Barra minn hekk, ressaq li nikru skip. Kien hemm qbil unanimu.

**55/05/30** Fuq suġġeriment ta' Sur Fenech biex nixtru 3 qsari ġodda. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment.

**55/05/31** Fuq suġġeriment ta' Sur Fenech sabiex l-*information panel* li ħa ssir f'Misraħ il-Knisja, tkun daqsxejn iktar fid-dettall, ir-ritratti jkunu professjonali imma ma jkunx hemm isem il-fotografu u l-anqas logo. Kien hemm qbil li għar-ritratti ngħidu lis-Sur Sebio Aquilina (Audiovisual Production) u li l-*information panel* issir bejn il-monument u l-u-bar.

**55/05/32** Is-Sur Mario Gauci fakkar li l-Road Servicing Ltd iridu jagħmlu l-bankina fi Triq San Ġwann u li din ġiet approvata kemm mill-Kunsill kif ukoll minn Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li min-naħa tagħha diġà kienet ħarġet il-Works Order.

**55/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**55/06/01** Ma kienx hemm.

**55/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**55/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha ħlief ċekk nru 0888 peress li dan il-pagament ġie kkanċellat. Barra minn hekk, ġew approvati wkoll żewġ pagamenti oħra,

wieħed lit-Tik Communications (€1666.32) tad-disinn u stampar tal-fuljett tal-Kunsill u lil Kor Pax Christi (€80) tas-servizz tal-kant waqt il-quddies ta' Jum il-Għargħur.

**55/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**55/08/01** Il-laqgħa spiċċat fit-08:10p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 23 ta' Awwissu 2018 fis-7:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**